22003D0084

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 84/2003

ta' l-20 ta' Ġunju 2003

li temenda l-Anness XIX (Proġettazzjoni tal-Konsumatur) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar ż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendata bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iz-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIX mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE 47/2003 tas-16 ta' Mejju 2003 ([1]).

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/193/ŻE ta' 1 ta' Marzu 2001 dwar informazzjoni fuq xogħol bl-appalt li trid tingħata minn qabel lill-konsumaturi mis-selliefa li joffru self fuq id-djar ([2]) għandha tiġi mdaħħla fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan il-punt li ġej *għandu* jiġi *mdaħħal* wara punt 19 (Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/310/KE) ta' l-Anness XIX mal-Ftehim:

"20. **32001 H 0193:** Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/193/KE ta' 1 ta' Marzu 2001 dwar informazzjoni fuq xogħol bl-appalt li trid tingħata minn qabel lill-konsumaturi mis-selliefa li joffru self fuq id-djar (ĠU L 69, ta' l-10.3.2001, p. 25)."

Artikolu 2

It-testi tar-Rakkomandazzjoni 2001/193/KE fil-lingwa ta' l-Islanda u tan-Norveġja, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali taż-ŻEE ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Ġunju 2003, iżda n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għandhom jiġu magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

([1]) ĠU L 193, tal-31.7.2003, p. 18.
([2]) ĠU L 69, ta' l-10.3.2001, p. 25.
(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hi indikata.